

**Brussell, 30 ta' Novembru 2021
(OR. en)**

14430/21

**SPORT 83
EDUC 395
COMPET 868
ECO 137
EMPL 527
JEUN 145
SAN 710
SOC 702**

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 13711/21

Suġġett: Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar il-karatteristiċi ewlenin tal-Mudell Ewropew tal-Isport

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar il-karatteristiċi ewlenin tal-Mudell Ewropew tal-Isport, kif approvata mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħu fid-29 u t-30 ta' Novembru 2021.

Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar il-karatteristiċi ewlenin tal-Mudell Ewropew tal-Isport

FILWAQT LI JFAKKRU LI

1. l-Artikolu 6 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jirreferi għall-isport bħala qasam fejn l-azzjoni fil-livell tal-UE għandha tappoġġa, tikkoordina u tissupplimenta l-azzjonijiet tal-Istati Membri.
2. Skont l-Artikolu 165.1 TFUE, "L-Unjoni għandha tikkontribwixxi għat-tmexxija l-quddiem tal-kwistjonijiet Ewropej tal-Isports, waqt li tiegħu inkunsiderazzjoni n-natura speċifika tiegħu, l-istrutturi tiegħu ibbażati fuq il-volontarjat u l-funzjoni soċjali u edukattiva tiegħu.
3. Skont l-Artikolu 165.2 TFUE, l-azzjoni tal-Unjoni għandha tkun immirata lejn "l-iżvilupp tad-dimensjoni Ewropea fl-isport, billi tkun promossa l-ġustizzja u t-trasparenza fil-kompetizzjonijiet sportivi u l-koooperazzjoni bejn il-korpi responsabbli mill-isport, u billi tkun protetta l-integrità fiżika u morali tal-isportivi, speċjalment ta' dawk l-aktar żgħażaġh fosthom".
4. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 u l-irkupru tas-settur tal-isport jistiednu lill-Istati Membri biex "jippromwovu s-solidarjetà fost federazzjonijiet sportivi, clubs, organizzazzjonijiet u atleti biex jikkontribwixxu għall-irkupru sostenibbli u l-iżvilupp ulterjuri tas-settur tal-isport u jirrikonoxxu l-Mudell Ewropew tal-Isport¹ bħala eżempju ta' dan ibbażat fuq sistema ta' solidarjetà".

¹ "Għalkemm minħabba d-diversità tal-istrutturi tal-isport Ewropej ma hemmx definizzjoni tal-Mudell Ewropew tal-Isport, dan jingħaraf minn xi karatteristiċi ewlenin. Dawn il-karatteristiċi jinkludu l-istruttura piramidali, is-sistema miftuħa ta' promozzjoni u relegazzjoni, l-approċċ tal-massa u s-solidarjetà, ir-rwol fl-identità nazzjonali, l-istrutturi bbażati fuq l-attività volontarja u l-funzjoni soċjali u edukattiva tiegħu."

5. Il-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport 2021-2024 jirreferi għall-Mudell Ewropew tal-Isport bħala suġġett ewlieni fil-qasam ta' prijorità "Protezzjoni tal-integrità u l-valuri fl-isport".
6. Il-Karta Ewropea tal-Isport Riveduta, adottata fit-13 ta' Ottubru 2021 mill-Kunsill tal-Ewropa, "tenfasizza l-karatteristiċi komuni ta' qafas għall-isport Ewropew u l-organizzazzjoni tiegħu, mifhum mill-moviment tal-isport bħala l-mudell Ewropew tal-Isport".

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU LI

7. L-organizzazzjoni tal-isport fl-Ewropa hija bbażata fuq id-dritt fundamentali tal-libertà ta' assoċjazzjoni. Hija bbażata wkoll fuq valuri, bħas-solidarjetà bejn il-livelli differenti fl-isport, b'mod partikolari bejn l-isport professjonali u dak tal-massa, il-ġustizzja, l-integrità, il-ftuħ, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-governanza tajba.
8. Il-karatteristiċi ewlenin għall-biċċa l-kbira tal-isport organizzat ibbażat fuq il-valuri fl-Ewropa jirrappreżentaw organizzazzjoni tal-isport fuq bażi awtonoma, demokratika u territorjali bi struttura piramidali, li tinkludi l-livelli kollha tal-isport mill-isport tal-massa għal dak professjonali, li tkopri kemm il-kompetizzjonijiet tal-klabbs kif ukoll dawk nazzjonali u inklud mekkaniżmi biex jiġu żgurati s-solidarjetà finanzjarja, il-ġustizzja u t-trasparenza fil-kompetizzjonijiet, bħall-prinċipju tal-promozzjoni u r-relegazzjoni.
9. L-isport organizzat ibbażat fuq il-valuri fl-Ewropa normalment huwa strutturat fuq bażi nazzjonali u, fil-prinċipju, organizzat minn federazzjoni waħda għal kull sport, li jippermetti approċċ komprensiv għar-regoli, ir-regolamenti u l-istandards kif ukoll jirrispetta l-kalendarji tal-kompetizzjonijiet u l-kwalifikazzjoni għall-kompetizzjonijiet. Dawn l-organizzazzjonijiet huma impenjati lejn is-solidarjetà finanzjarja bejn l-isport professjonali u dak tal-massa kif ukoll lejn l-ogħla livelli ta' governanza tajba, id-drittijiet fundamentali u tal-bniedem, is-saħħa mentali u fiżika u s-sikurezza tal-atleti, għall-prevenzjoni ta' kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni u għall-promozzjoni tal-integrità tal-isport.

10. L-isport huwa wkoll settur ekonomiku importanti fih innifsu fl-Ewropa, u jikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku, l-iżvilupp u l-opportunitajiet ta' impjeg², b'partijiet ikkonċernati ġodda u approċċi fl-isport, bħall-industrija tal-isport, l-isponsors, il-mezzi tal-informazzjoni, avvenimenti ewlenin, tipi ġodda ta' sport, ir-rwol tal-atleti, eċċ. Dawn il-partijiet interessati u l-approċċi l-ġodda jenħtieġ li jitqiesu wkoll fl-iżvilupp ulterjuri tal-isport fl-Ewropa.

FILWAQT LI JENFASIZZAW LI

11. Il-federazzjonijiet sportivi għandu jkollhom rwol ċentrali fis-sorveljanza tal-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-isport rispettiv tagħhom, u għandhom jirrikonċiljaw b'mod demokratiku, ibbilanċjat u koeżiv l-interessi tal-atleti, tal-klabbs u tal-leagues, tal-partitarji u ta' partijiet ikkonċernati oħra, u ta' organizzazzjonijiet sportivi oħra sabiex kulħadd jikkontribwixxi għall-iżvilupp b'saħħtu tal-isport.
12. Il-mekkaniżmi għas-salvagwardja tad-drittijiet u r-responsabbiltajiet tal-atleti, bħan-nondiskriminazzjoni, l-aċċess għall-informazzjoni, ir-rappreżentanza fi ħdan l-organizzazzjoni tal-isport, il-privatezza u l-proċess ġust, u l-użu ta' dawn il-mekkaniżmi mill-atleti huma essenzjali biex jiġu rispettati l-prinċipji ta' governanza tajba fl-isport organizzat ibbażat fuq il-valuri fejn għandha tinstema' u titqies il-vuċi tal-atleti.
13. Is-solidarjetà finanzjarja hija karatteristika ewlenija tal-isport organizzat ibbażat fuq il-valuri. Dan jista' jgħin biex tiġi stabbilita, tinżamm u tissaħħaħ ir-rabta bejn l-isport professjonali u l-isport tal-massa, il-kofinanzjament ta' kompetizzjonijiet kummerċjalment inqas attraenti kif ukoll it-taħriġ ta' voluntiera, atleti, kowċis, uffiċjali, eċċ. Barra minn hekk, jenħtieġ li jingħata wkoll appoġġ lil attivitajiet li japprovaw ir-rispett tal-valuri fl-isport, bħad-drittijiet fundamentali u tal-bniedem, id-demokrazija, is-solidarjetà, l-integrazzjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-iżvilupp taż-żgħażaġh, id-drittijiet tat-tfal u l-edukazzjoni permezz tal-isport.

² Il-Kummissjoni Ewropea, Rapport ta' Riċerka, Studju dwar l-impatt ekonomiku tal-isport permezz tal-kontijiet satellitari tal-isport, April 2018.

14. L-isport organizzat fl-Ewropa ilu jiffaċċa theddid intern u estern, bħal każijiet ta' governanza dgħajfa, korruzzjoni, manipulazzjonijiet sportivi, instabbiltà finanzjarja, ksur tad-drittijiet tal-bniedem, doping, razziżmu, vjolenza, inugwaljanza bejn il-ġeneri, żieda fil-kummerċjalizzazzjoni u tendenza li l-atleti żgħażaġh jinxtraw minflok jiġu mħarrġa. Dan kollu jeħtieġ rispons, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet u l-organizzazzjonijiet rilevanti, li għandu jissalvagwardja l-valuri u l-integrità tal-isport, jipromwovi governanza tajba, u għandu jiżgura futur pożittiv għall-isport.
15. Il-governanza tajba fl-isport hija prerekwiżit għall-awtonomija u l-awtoregolamentazzjoni tal-organizzazzjonijiet u l-federazzjonijiet sportivi, f'konformità mal-prinċipji tad-demokrazija, it-trasparenza, l-integrità, is-solidarjetà, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-ftuħ, ir-responsabbiltà u r-responsabbiltà soċjali. Huwa essenzjali li l-organizzazzjonijiet u l-federazzjonijiet sportivi jżommu u, fejn possibbli, jtejbu l-istandards tagħhom ta' governanza tajba billi jagħtu vuċi lill-atleti u lill-partitarji.
16. Huwa fundamentali għall-vijabbiltà fit-tul tal-isport li jinżamm, u fejn meħtieġ, jittejjeb il-bilanċ kompetittiv biex jiġi evitat vantaġġ inġust. Għandha tiġi kkunsidrata firxa wiesgħa ta' miżuri li jindirizzaw kemm il-ħtiġijiet fuq perijodu qasir kif ukoll l-iżviluppi fit-tul sabiex jiġu promossi kompetizzjonijiet sportivi ġusti, kompetittivi u bbilanċjati.

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW LI

17. Il-kompetizzjonijiet ta' timijiet nazzjonali huma parti integrali mill-isport organizzat fl-Ewropa.³ Huma għandhom rwol essenzjali mhux biss f'termini ta' promozzjoni tal-identità nazzjonali u ta' ispirazzjoni għall-atleti żgħażaġh biex jilhqnu l-ogħla potenzjal tagħhom ta' prestazzjoni sportiva, iżda wkoll billi jipromwovu s-solidarjetà bl-isport tal-massa u jippreżentaw mudelli eżemplari għall-ġenerazzjonijiet iżgħar.
18. L-organizzazzjonijiet sportivi ta' kull tip u fil-livelli kollha għandhom jimpenjaw ruħhom li jiżviluppaw kultura ta' trasparenza u jstabilixxu proċeduri bbażati fuq prinċipji ta' governanza tajba li jiżguraw il-ġestjoni impekkabbli tar-riżorsi finanzjarji tagħhom, kontrolli stretti għall-prevenzjoni ta' kunflitti ta' interess, korruzzjoni u perijodi limitati ta' pożizzjonijiet eletti.

³ Ara, pereżempju, Tsjalle van der Burg: EU competition law, football and national markets, Research article (Il-liġi tal-kompetizzjoni tal-UE, il-futbol u s-swieq nazzjonali, Artiklu ta' Riċerka), 30 ta' Diċembru 2020.

19. Iż-żieda fil-kummerċjalizzazzjoni tal-isport professjonali qed tagħmel l-isport attività saħansitra aktar orjentata lejn il-profitt, xprunata b'mod partikolari mill-valur tad-drittijiet tax-xandir. Minkejja li tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' riżorsi finanzjarji għal għadd akbar ta' atleti, l-iżvilupp tad-dimensjoni kummerċjali tal-isport mhuwiex mingħajr riskju għall-valuri tal-isport.
20. Fi żmien meta l-modernizzazzjoni tal-isport qed iġġib opportunitajiet finanzjarji ġodda mill-potenzjal ekonomiku tal-isport, huwa importanti ħafna li l-isport organizzat ibbażat fuq il-valuri jippreserva l-integrità tal-isport, jaderixxi mal-prinċipji ta' governanza tajba, jirrispetta l-liġi nazzjonali, tal-UE u dik internazzjonali u jżomm il-kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni meħtieġa biex il-valuri ta' solidarjetà bejn l-atturi kollha jiġu implimentati b'mod effettiv.
21. Ċerti valuri u tradizzjonijiet tal-isport Ewropew għandhom effett pożittiv fuq is-soċjetà u għandhom jiġu promossi filwaqt li jiġu enfasizzati d-diversità u l-kumplessità tal-istrutturi sportivi Ewropej. Din ir-Riżoluzzjoni tenfasizza l-karatteristiċi ewlenin ta' Mudell Ewropew tal-Isport, li jiffoka prinċipalment fuq l-isport organizzat ibbażat fuq il-valuri.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI, F'KONFORMITÀ MAL-PRINĊIPJU TA'
SUSSIDJARJETÀ U FIL-LIVELLI XIERQA, SABIEX

22. Jappoġġaw il-karatteristiċi ewlenin ta' Mudell Ewropew tal-Isport, bħal-libertà ta' assoċjazzjoni, l-istruttura piramidali, is-sistema miftuħa ta' promozzjoni u relegazzjoni, approċċ tal-massa u solidarjetà, ir-rwol fl-identità nazzjonali, il-bini tal-komunità u l-istrutturi bbażati fuq l-attività volontarja kif ukoll il-funzjonijiet soċjali, edukattivi, kulturali u tas-saħħa tagħha, f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi tal-UE.

23. Ikomplu jesploraw u jkomplu bid-diskussjonijiet li għaddejjin mal-partijiet ikkonċernati kollha tal-isport dwar il-karatteristiċi ewlenin ta' Mudell Ewropew tal-Isport billi jirrikonoxxi d-diversità ta' approċċi u żviluppi ġodda f'tipi differenti ta' sport, f'konformità ma' sport organizzat ibbażat fuq il-valuri, pereżempju permezz tad-djalogu strutturat tal-UE dwar l-isport.
24. Jippromwovu l-valuri fl-isport u fl-organizzazzjonijiet sportivi, irregolati f'konformità mal-prinċipji tad-demokrazija, it-trasparenza, l-integrità, is-solidarjetà, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-ftuħ, ir-responsabbiltà, l-aċċessibbiltà, ir-responsabbiltà soċjali u r-rispett għad-drittijiet fundamentali u tal-bniedem.
25. Jirrikonoxxu u jippreservaw in-natura speċifika tal-isport u l-istrutturi tiegħu bbażati fuq attività volontarja, u l-awtonomija tal-korpi ta' tmexxija tal-isport biex jorganizzaw l-isport li huma responsabbli għalih filwaqt li jirrispettaw il-liġi nazzjonali, internazzjonali u tal-UE.
26. Jagħrfu l-kontribut tal-voluntiera, il-klabbs tal-isport tal-massa, il-familji u l-komunitajiet lokali fil-qasam tal-isport u jappoġġawhom meta jkun xieraq.
27. Isaħħu l-politiki mfassla biex jinkoraġġixxu t-taħriġ u l-edukazzjoni tal-atleti, u l-persunal sportiv minħabba li dawn jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-interessi soċjali, edukattivi, ekonomiċi u usa' tal-isport.
28. Jiġbdu l-attenzjoni lejn il-konsegwenzi li kompetizzjonijiet sportivi magħluqa jista' jkollhom fuq l-isport organizzat fl-Ewropa, bħall-bidla fundamentali fil-proċessi ta' kwalifika tal-isport normalment ibbażati fuq il-mertu sportiv.
29. Jinkludu kwistjonijiet sportivi Ewropej fid-dibattiti fil-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa.

JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI EWROPEA SABIEX

30. Tappoġġa l-karatteristiċi ewlenin ta' Mudell Ewropew tal-Isport, bħal-libertà ta' assoċjazzjoni, l-istruttura piramidali, is-sistema miftuħa ta' promozzjoni u relegazzjoni, l-approċċ tal-massa u s-solidarjetà, ir-rwol fl-identità nazzjonali, il-bini tal-komunità u l-istrutturi bbażati fuq l-attività volontarja kif ukoll il-funzjonijiet soċjali, edukattivi, kulturali u tas-saħħa tagħha, f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi tal-UE.
31. Tkompli tesplora u tkompli bid-diskussjonijiet li għaddejjin mal-partijiet ikkonċernati kollha tal-isport dwar il-karatteristiċi ewlenin ta' Mudell Ewropew tal-Isport billi tirrikonoxxi d-diversità ta' approċċi u żviluppi ġodda f'tipi differenti ta' sport, f'konformità ma' sport organizzat ibbażat fuq il-valuri, pereżempju permezz ta' studju mill-Kummissjoni dwar il-Mudell(i) Ewropew/j tal-Isport, tad-djalogu strutturat tal-UE dwar l-isport, eċċ.
32. Tappoġġa r-rwol tal-isport u d-dimensjoni edukattiva tiegħu, bħall-karrieri doppji tal-atleti, u l-kombinazzjoni sostenibbli tagħhom fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenza tiegħu fir-rigward tad-dritt tal-UE u dak internazzjonali.
33. Tkompli tirrikonoxxi u tagħti effett prattiku lin-natura speċifika tal-isport u l-istrutturi tiegħu bbażati fuq attività volontarja, li għandhom joperaw bi grad għoli ta' governanza tajba, trasparenza, responsabbiltà, responsabbiltà soċjali, inklużività, integrità, demokrazija, awtoregolamentazzjoni u rispett għad-drittijiet fundamentali u tal-bniedem.
34. Trawwem il-kooperazzjoni u d-djalogu strutturat mal-moviment tal-isport, il-gruppi tal-atleti, l-organizzaturi kummerċjali u l-partijiet ikkonċernati rilevanti oħra fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenzi tagħha, filwaqt li tqis in-natura speċifika tal-isport.
35. Tiġbed l-attenzjoni għall-konsegwenzi li kompetizzjonijiet sportivi magħluqa jista' jkollhom fuq l-isport organizzat fl-Ewropa, bħall-ġustizzja u l-ftuħ fil-kompetizzjonijiet sportivi, l-istrutturi bbażati fuq l-attività volontarja u l-funzjoni soċjali u edukattiva.
36. Tinkludi kwistjonijiet sportivi Ewropej fid-dibattiti fil-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa.

JISTIEDNU LILL-MOVIMENT SPORTIV, B'KONT MEĦUD TAL-AWTONOMIJA TAL-ORGANIZZAZZJONIJIET SPORTIVI, SABIEX

37. Jappoġġa l-karatteristiċi ewlenin ta' Mudell Ewropew tal-Isport, b'hal-libertà ta' assoċjazzjoni, l-istruttura piramidali, is-sistema miftuħa ta' promozzjoni u relegazzjoni, l-approċċ tal-massa u s-solidarjetà, ir-rwol fl-identità nazzjonali, il-bini tal-komunità u l-istrutturi bbażati fuq l-attività volontarja kif ukoll il-funzjonijiet soċjali, edukattivi, kulturali u tas-saħħa tiegħu, f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi tal-UE.
38. Ikomplu jesploraw u jkomplu bid-diskussjonijiet li għaddejjin mal-partijiet ikkonċernati kollha tal-isport dwar il-karatteristiċi ewlenin ta' Mudell Ewropew tal-Isport billi jirrikonoxxi d-diversità ta' approċċi u żviluppi ġodda f'tipi differenti ta' sport, f'konformità ma' sport organizzat ibbażat fuq il-valuri, pereżempju permezz tad-djalogu strutturat tal-UE dwar l-isport.
39. Jippromwovi s-solidarjetà fost l-organizzazzjonijiet sportivi fil-livelli kollha biex jikkontribwixxu għall-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19, is-sostenibbiltà u l-iżvilupp ulterjuri tas-settur tal-isport.
40. Jirrispetta u jallinja r-rekwiżiti tal-kalendarju sportiv internazzjonali u jipparteċipa fi skemi ta' solidarjetà.
41. Jimpenja ruħu għas-solidarjetà finanzjarja bejn l-isport professjonali u dak tal-massa u għall-oġġla livelli ta' governanza tajba, standards ta' sikurezza u integrità għall-atleti, il-persunal, l-uffiċjali u l-ispettaturi.
42. Jaħdem mal-partijiet ikkonċernati kollha, speċjalment mal-korpi governattivi tal-isport, biex jippreserva u jsaħħaħ id-drittijiet fundamentali u tal-bniedem, b'mod partikolari d-drittijiet tal-atleti fl-attivitajiet kollha relatati mal-isport u s-saħħa tal-atleti minħabba l-multiplikazzjoni tal-kompetizzjonijiet sportivi, kif ukoll l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-inklużjoni soċjali billi jjiġu evitati l-forom kollha ta' diskriminazzjoni.

43. Jiżgura li jkun hemm fis-seħħ mekkaniżmi interni u esterni effettivi biex tiġi żgurata l-konformità mal-prinċipji ta' governanza tajba u r-rispett tad-drittijiet fundamentali u tal-bniedem kif ukoll b'mekkaniżmi xierqa ta' monitoraġġ, rappurtar u sanzjonijiet.
44. Jiżgura l-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet sportivi tal-ogħla livell u professjonali f'konformità mal-prinċipju ta' ftuħ fil-kompetizzjonijiet sportivi, filwaqt li tingħata prijorità lill-mertu sportiv.
45. Jaħdem mal-istituzzjonijiet edukattivi biex jagħti effett prattiku lil taħlita sostenibbli ta' sport u edukazzjoni għal żvilupp olistiku, benesseri u integrità tal-atleti.
46. Jippromwovi u jiffaċilita l-aċċess ta' atleti żgħażaġh u gruppi sottorappreżentati biex jipparteċipaw u jkunu involuti fit-teħid ta' deċiżjonijiet fl-isport, fejn adatt.
47. Jiżviluppa mekkaniżmi għas-salvagwardja tad-drittijiet u r-responsabbiltajiet tal-atleti, bħan-nondiskriminazzjoni, l-aċċess għall-informazzjoni, ir-rappreżentanza fi ħdan l-organizzazzjonijiet sportivi, il-privatezza u proċess ġust, u jinkoraġġixxi lill-atleti biex jużaw dawn il-mekkaniżmi.
48. Jirrispetta d-drittijiet fundamentali u tal-bniedem u f'dan ir-rigward jieħu deċiżjonijiet responsabbli dwar l-ospitanti ta' avvenimenti sportivi kbar kemm fl-Unjoni Ewropea kif ukoll barra minnha⁴.

⁴ Abbażi tal-ittra ffirmata minn 27 Ministru, responsabbli għall-isport, fis-27 ta' Jannar 2021 u mibgħuta lill-Kummissarju s-Sa Mariya Gabriel.

Definizzjoni

Għall-fini ta' din ir-Risoluzzjoni:

Sport organizzat bbażat fuq il-valuri fl-Ewropa

L-isport organizzat ibbażat fuq il-valuri huwa bbażat fuq il-libertà ta' assoċjazzjoni u l-valuri, bħall-governanza tajba, is-sikurezza, l-integrità, is-solidarjetà, inkluż is-solidarjetà finanzjarja, is-saħħa u s-sikurezza tal-atleti, ir-rispett għad-drittijiet fundamentali u tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri kif ukoll l-attività volontarja. Normalment huwa strutturat fuq bażi nazzjonali u, fil-prinċipju, organizzat minn federazzjoni sportiva waħda għal kull sport, li jippermetti approċċ komprensiv għar-regoli, ir-regolamenti u l-istandards kif ukoll għall-kalendarji tal-kompetizzjonijiet u l-kwalifikazzjoni għall-kompetizzjonijiet.

SFOND POLITIKU

1. Kunsill tal-Ewropa, Rakkomandazzjoni CM/Rec (2021)5 tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri dwar il-Karta Ewropea Riveduta dwar l-Isport, adottata fit-13 ta' Ottubru 2021.
2. Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Frar 2021 dwar l-impatt tal-COVID-19 fuq iż-żgħażaġh u fuq l-isport (2020/2864(RSP)).
3. Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għall-Isport (1 ta' Jannar 2021-30 ta' Ġunju 2024), 2020/C 419/01.
4. Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 u l-irkupru tas-settur tal-isport, 2020/C 214 I/01.
5. Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-kowċis biż-żieda ta' opportunitajiet għall-kisba ta' ħiliet u kompetenzi, 2020/C 196/01.
6. Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Frar 2012 dwar id-Dimensjoni Ewropea fl-Isport (2011/2087(INI)).
7. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Iżvilupp tad-Dimensjoni Ewropea fl-Isport, COM/2011/0012 final.
8. Kunsill Ewropew, Nizza 7-10 ta' Diċembru 2000, Konklużjonijiet tal-Presidenza: Annex IV – Dikjarazzjoni dwar il-karatteristiċi speċifiċi tal-isport u l-funzjoni soċjali tiegħu fl-Ewropa, li għandu jitqies fl-implementazzjoni tal-politiki komuni.

9. Dikjarazzjoni tal-Kunsill Ewropew dwar l-isport – Konklużjonijiet tal-Presidenza 2008, 17271/1/08 REV 1.
10. Rìzolużzjoni 1602(2008) tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa: Il-ħtieġa li jiġi ppreservat il-Mudell Ewropew tal-Isport.
11. Rìzolużzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Mejju 2008 dwar il-White Paper dwar l-Isport (2007/2261(INI)).
12. White Paper tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Isport {SEC (2007) 932} {SEC (2007) 934} {SEC (2007) 935} {SEC (2007) 936}.
13. Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Il-Mudell Ewropew tal-Isport" (1999/C 374/14)
14. Rapport mill-Kummissjoni lill-Kunsill Ewropew bil-ħsieb li jiġu salvagwardjati l-istrutturi sportivi attwali u tinżamm il-funzjoni soċjali tal-isport fi ħdan il-qafas Komunitarju - Ir-Rapport ta' Ħelsinki dwar l-Isport, COM/99/0644 final.
15. Id-Direttorat Ġenerali X tal-Kummissjoni Ewropea dwar "Il-Mudell Ewropew tal-Isport" u d-dokument ta' ħidma tad-Direttorat Ġenerali X dwar "l-evolużzjoni u l-prospetti tal-azzjoni tal-Komunità fil-qasam tal-Isport", 1998.
